**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Kump. Nru. 268/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**vs**

**Klinsmann Grixti**
**(ID 075700(L))**

**Illum, 24 ta' Mejju, 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat **Klinsmann Grixti** ta' 22 sena, iben il-mejjet Nicholas Ellul u Frida nee` Grixti, imwieled fit-22 ta' Frar 2000 ġewwa l-Pieta`, residenti 14 Flat 9, Triq San Nikola, Valletta u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0075700(L);

Akkużat talli f'xi ġranet fix-xhur ta' Marzu u April 2022 minn ġewwa C&T Autoparts, Triq il-Ħammieri, Qormi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, b'risoluzzjoni waħda:

1. Ikkommetta serq li huwa aggravat bil-valur, liema valur jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Tara-Lyn Cachia u/jew persuni oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontempat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat **Klinsmann Grixti** wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u dan wara illi ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti avżatu bil-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat **Klinsmann Grixti** għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjoni.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, li huwa kkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni tagħha, kif ukoll il-fedina penali tiegħu li hija waħda netta. Qed tqis ukoll illi l-imputat lest illi jirrifondi s-somma minnu misruqa, kif ukoll illi l-Prosekuzzjoni m'hijiex tinsisti għall-piena karcerarja effettiva. Mill-banda l-oħra, il-Qorti qed tqis ukoll in-natura serja tar-reat odjern, kif ukoll l-ammont tas-somma misruqa.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 261(ċ), 267 u 279(b) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Klinsmann Grixti** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u qed tikkundannah għall-piena ta' sentejn priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' erba' snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 28Ġ tal-Kodiċi Kriminali, qed tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Superviżjoni ossia taħt is-superviżjoni ta' Uffiċjal Sorveljanti għall-perjodu ta' sentejn mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jirrestitwixxi lill-parte offiża s-somma ta' tnax-il elf, mitejn u ħdax-il ewro (€12,211) u dan fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bi kliem ċar u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Ai termini tal-Artikolu 28Ġ(8) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ċar l-effetti tal-Ordni ta' Superviżjoni, kif ukoll ai termini tal-Artikolu 28H(8) tal-istess Kodiċi, ir-responsabilita` tiegħu jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu mal-ordni tal-Qorti magħmul ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* sabiex jinħatar Uffiċjal Sorveljanti għall-iskop tal-Ordni ta' Superviżjoni.

Stante illi ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza, fiż-żmien mogħti skont il-liġi.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat